Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 13/2015AE

**Raymond Cachia**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016.

Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali (appellant) appella minn decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali tat-13 ta' Frar 2015 li biha laqa' l-appell ta' Raymond Cachia. Jirrizulta li fis-16 ta' Mejju 2014 l-appellant kien ha decizjoni li l-appellat ma kienx ghadu iktar intitolat ghall-ghajnuna tal-qghad peress li d-Direttur *".... Mhux sodisfatt li qed jifforma familja ghal rasek"*.

L-appellant appella mid-decizjoni tal-Arbitru. Fil-qosor l-aggravji huma:-

i. L-appellat ghandu obbligu li skond l-Artikolu 97(1)(b) ta-Kap. 318, igharraf lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi ta' hajtu. Obbligu li johrog ukoll mill-applikazzjoni biex jinghata l-ghajnuna socjali, fejn jiddikjara: *"Nobbliga ruhi li ninforma minnufih lid-Direttur Generali (Sigurta Socjali) b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq...."*.
ii. Fil-kaz tal-appellat minn spezzjoni li saret fid-dar tieghu, irrizulta li kien qieghed ighix ma' certu Sarah Pace. Dan mill-ammont ta' hwejjeg li kien hemm fil-post u anke li fis-7.30 ta' filghodu, Sarah Pace kienet bil-pigama b'tarbija fuqha.

Min-naha tieghu l-appellat insista li d-decizjoni tal-Arbitru kellha tigi konfermata in kwantu ma kienx hemm ragunijiet validi ghalfejn din il-qorti kellha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti, tosserva:-

1. Illum stess tat zewg sentenzi fl-appelli numru 11/15, 12/15[1] u 13/5[2] li huma konnessi ma' dan l-appell. Qieghed jinghad hekk ghaliex jirrigwardaw Sarah Pace, is-siehba tal-appellat.
2. Fl-appell numru 12/2015, din il-qorti qalet:-

[1] Fl-ismijiet **Sarah Pace vs Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**.
[2] Ukoll fl-ismijiet **Raymond Cachia vs Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**.

*"Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex f'posizzjoni li tikkonkludi li l-appellata kienet effettivament qeghda tghix ma' Raymond Cachia. F'dan ir-rigward tosserva kif l-Arbitru osserva:-*

*i. Fil-fond ta' Raymond Cachia, fil-kamra tal-banju ma nstabux accessorji intimi li jistghu jigu assocjati ma' residenza permanenti ta' mara f'dik id-dar. Fuq bazi ta' probabilita' jekk l-appellata kienet qeghda verament tghix ma' Raymond Cachia, fil-kamra tal-banju kienu jinstabu oggetti bhal dawk.*

*ii. Fid-dar lanqas ma nstabu hwejjeg tat-tfal. Jirrizulta li r-rikorrenti kellha tarbija ta' sitt xhur. Fil-fatt meta l-ispettur ghamlu spezzjoni fir-residenza ta' Raymond Cachia, l-appellata kellha tarbija fuqha. Fuq bazi ta' probabilta' tarbija tkun qeghda tghix mal-omm. Pero' fir-rapport tal-ispetturi jinghad li: "... ahna ma osservajniex xi hwejjeg u/jew xi accessorji lilli setghu jindikawlna li ulied il-beneficjarja huma residenti permanenti f'dan l-istess indirizz".*

*Il-qorti temmen li l-konkluzjoni tal-Arbitru li ghandu: ".... Dubju serju kemm verament Sarah Pace kienet tghix kuljum fil-fond ta' Raymond Cachia u kiemm kienet qeghda tifforma familja mieghu", m'hijiex irragonevoli.*

*Il-qorti hi tal-fehma li l-investigazzjoni kellha ssir b'mod iktar komplet, bhal per ezempju:-*

*i. Li ssir spezzjoni fir-residenza tal-genituri tal-appellata, fejn l-appellata allegat li kienet qeghda temporanjament tghix;*

ii. *Li jinghataw id-dettalji ta' Mandy Sapiano sabiex ikellmuha, u li l-appellata qalet li l-hwejjeg li kien hemm fi-dar ta' Cachia kienu jappartjenu lilha".*

3. Fl-appelli kollha tressqu l-istess provi. Ghal dan il-kaz il-qorti tapplika l-istess ragunament li ghamlet fis-sentenzi l-ohra li nghataw illum fl-appelli numru 12/2015 u 14/2015. Izzid tghid li ghalkemm m'hemmx dubju li meta saret l-ispezzjoni kien irrizulta li l-lejl ta' qabel kienet raqda fid-dar ta' Raymond Cachia, in kwantu hekk biss tista' tispjega 'l fatt li Sarah Pace kienet liebsa l-pigama, pero' b'daqshekk ma jfissirx li kienet qeghda tghix mal-appellat. Ghal dak li jirrigwarda l-ilbes ta' mara li nstabu fir-residenza ta' Raymond Cachia meta saret l-ispezzjoni mill-ispetturi tad-Dipartiment, il-qorti hi tal-fehma li kien hemm fatti ohra li setghu jwasslu lill-Arbitru li jasal ghal konkluzjoni li fil-fatt wasal ghaliha. Wara li rat l-atti ma tirrizulta l-ebda raguni gravi li ggieghel lil din il-qorti tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li sar mill-Arbitru.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.